MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Numru. 150/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**RICHMOND TONG**
**GORDON ATTARD**
**KEITH VASSALLO**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Richmond Tong, iben Raymond u Monica nee’ Azzopardi, data tat-twelid 31 ta’ Awissu 1984 fil-Pieta’, joqghod 50D, Fl 1, Triq l-Imtarfa, Mtarfa u detentur tal-karta ta’ l-identita 419684(M)

U

Gordon Attard, iben Eugenio u Maria Lourdes nee' Portelli, data tat-twelid 14 ta' Ottubru 1986 fil-Pieta', joqghod Blk XIII, Fl 2, Pjazza Monsinjur P.P. Psaila, Qormi u detentur tal-karta ta' l-identita 487386(M)

U

Keith Vassallo, iben Emanuel u Maria nee' Farrugia, data tat-twelid 15 ta' Gunju 1987 fil-Pieta', joqghod 24, Summer Wood, Fl 1, Triq San Tumas, Rabat (Malta) ID Card 303387(M)

Gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fil-21 ta' Frar 2010 ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu (11:30a.m.) fi Triq Santu Wistin, San Giljan u aktar tard fl ghassa ta' San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

1. Attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PC 691, PC 665, PC 1427, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

2. Ingurjaw, heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta' PS 928 Ramon Mifsud Grech, PS 396 Saviour Baldacchino, PC 691 Juan Mula, PC 665 Robert Mario Spiteri, PC 1427 Oliver Micallef u PC 834 Johann Vella, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' vettura n umru ta' registrazzjoni TIZ129 ta' l-ghamla VW liema hsara tiskorri Euro 116.47 (LM50) pero anqas minn Euro 1164.69 (LM500) ghad-dannu ta' Tiziana Farrugia.

4. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' 'bins' u pjanata liema hsara tiskorri Euro 116.47 (LM50) PERO

ANQAS MINN Euro 1164.69 (LM500) ghad-dannu tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan.

5.

5. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' kantun liema hsara ma tiskorrix Euro 116.47 (LM50) ghad dannu ta' Kummissarju tal-Pulizija u l-Gvern ta' Malta.

6. Volontarjament kisru il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

7. Ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizzpubbliku, jew ma hallewx jew fixkluhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijiethom billi ma hallewx lil haddiehor jaghmlu dak li b'ligi jkunu ordnati jew jistaw jaghmlu, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikunu ghamlu skond il-ligi, jew b'xi mod iehor.

8. Talli f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kienu fis-sakra b'mod li ma kienux jistaw jiehdu hsieb taghhom nnfushom.

9. Irmew, hallew, jew xorta ohra qattru jew idepozitaw xi zibel/skart, f'post pubbliku, triq, jew spazzju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access, liema depozitu jew thollija ma kienx awtorizzat.
Gie akkuzat Gordon Attard wahdu li kiser kundizzjoni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor b'sentenza moghtija nhar 22 ta' Mejju 2009, likema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok NS1 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li ir-raba’ akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati qeghda tigi rtirata.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputati iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv ir-raba’ akkuza migjuba kontra taghhom, liema akkuza giet irtirata llum mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv ir-raba’ akkuza migjuba kontra taghhom, liema akkuza giet irtirata llum mill-Prosekuzzjoni.

Innutat li l-imputati iddikjaraw li jiskuzaw ruhhom dwar l-akkadut.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati Richmond Tong u Keith Vassallo l-artikoli 17, 96, 95, 325(1)(b), 325(1)(c), 338(dd), 338(ee) u 338(ff) tal-Kap. 9 u l-artikolu 3 tal-Kap. 206 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati Richmond Tong u Keith Vassallo, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv ir-raba’ akkuza migjuba kontra taghhom, liema akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputati Richmond Tong u Keith Vassallo ghall-piena komplessiva ta’ tmien (8) xhur prigunerija kull wiehed u tlett mija u hamsin Ewro (Ewro 350) multa kull wiehed u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) millum l-imputati Richmond Tong u Keith Vassallo jikkommettu rat iehor punibbli bi prigunerija.

Rat fil-konfront tal-imputat Gordon Attard l-artikoli 17, 96, 95, 325(1)(b), 325(1)(c), 338(dd), 338(ee) u 338(ff) tal-Kap. 9, l-artikolu 3 tal-Kap. 206 u l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Gordon Attard, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv ir-raba' akkuza migjuba kontra tieghu, liema akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tpoggi lill-imputat Gordon Attard taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Gordon Attard ghall-piena ta' elf, mitejn u wiehed u tmenin Ewro (Ewro1281) multa.

Rigward ir-raba' akkuza migjuba kontra l-imputati kollha tiddikjara li din l-akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order fil-konfront tal-imputat Gordon Attard jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Gordon Attard.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Gordon Attard kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputati Richomod Tong u Keith Vassallo l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tat lill-imputat Gordon Attard l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------